30 ta' Jannar, 1954

Imhallef:
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Domenico Catalogna et.

**Morali Publika — Eżibizzjoni ta' Stampi Indecenti — Atti — Art. 352 (z) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-koncett tal-liġi relativament għall-eżibizzjoni indecenti ma għandux jiġi limitat għall-avviżi dwar mard venereu jew mardijiet oħra li jiġu min relazzjonijiet sesswali, imma testendi anki għal stampi oxxeni.*

*Mhux biżżejjed li jiġi allegat li l-istampi eżibiti huma riproduzzjoni fotografika ta' kwadri eżibiti f'mostra artistika, biex dak li jkun jiġi eskluż minn dan ir-reat. Meta l-egħmil ta' min jesponi dawn l-istampi jkun tali li jeżorbita minn sempliċi manifestazzjoni onestament artistika, u juri pjuttost sens ta' stimolu ta' l-istinti animaleski, dik l-allegazzjoni ma tperax biex tiskriminah minn dan ir-reat.*

Fuq l-imputazzjoni illi offendew id-deċenza publika billi, f'post publiku, urew stampi mhux xierqa, l-imsemmijin

Catalogna u Cutajar, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Novembru, 1953, instabu ħatjin, u ġew kundannati għall-piena tar-riprensjoni u ta' l-ammonizzjoni, u ġiet ordnata l-konfiska ta' l-istampi;

L-imputati appellaw;

Id-difiża ssollevat, l-ewwelnett, eċċezzjoni preliminari, fis-sens li l-konċett tal-liġi relativament għall-eżibizzjoni indeċenti għandu jiġi limitat għal dak li hemm fil-proviso ta' l-art. 352(z), ċjoè avviżi dwar mard venereu jew mardiet oħra li jiġu mir-relazzjonijiet sesswali. Issa, meta wieħed jeżamina d-dispożizzjoni tal-liġi, isib li din tikkontjeni lokuzzjoni doppja, ċjoè "exhibits obscene pictures", u mbagħad tkompli tgħid "or makes their (recte other) indecent exhibitions"; u l-proviso jirriferixxi għal din ta' l-aħħar, għax jgħid "a person shall be deemed to be guilty of making an indecent exhibition ......" Għalhekk il-proviso, introdott bl-art. 13 ta' l-Ord. IX ta' l-1911, ma llimitax bl-ebda mod il-konċett tal-kliem "exhibits indecent pictures". Dan jidher aktar ċar mit-test antik, li fih kien hemm hekk: "...... esibissero pitture oscene o facessero altre indecenti esibizioni ......"; u mbagħad, fil-proviso, jgħid "pei fini del disposto di questo inciso saranno considerati colpevoli di indecente esibizione ecc.";

Id-difiża ssollevat ukoll preġudizzjali oħra, fis-sens li l-istampi in kwistjoni huma sempliċi rappreżentazzjoni artistika, peress li huma riproduzzjoni fotografika ta' kwadri ta' artisti eżibiti f'mostri artistiċi, u li n-"nudo" per sè mhux pornografiku;

Ikkunsidrat, dwar dan il-pont;

Alfredo Santulli, fi ktieb intitolat "I Delitti nell'Arte", ediz. 1927, pag. 79, jibda biex jgħid: "Frequente è la manifestazione dell'oscenità nell'opera d'arte"; u jsejħilha din il-manifestazzjoni "deformazione artistica" u "fenomeno di degenerazione". Leone Tolstoi irrivolġa lilu nnifsu d-domanda "che cosa è l'arte?"; u fir-risposta li ta awspika li l-arti ma tkomplix tkun mezz ta' abbrutiment u depravazzjoni, imma mezz ta' perfezzjonament ta' l-umanità ("Che cosa è l'arte?" — Milano, Treves, 1899);

Issa, għalkemm ma jistax jingħad b'mod assolut, u f'sens artistiku, li n-"nudo" huwa dejjem u f'kull każ oxxen, għax hemm ukoll dak li artistikament jissejjaħ il-"nudo casto", eppure ebda bniedem benpensanti ma jista' qatt jaċċetta l-massima "naturalia non sunt turpia" bħala inkondizzjonata;

Il-Manzini — Trattato di Diritto Penale, Vol. VI, p. 622 — jiddistingwi bejn l-"oscenità assoluta" u l-"oscenità relativa"; din ta' l-aħħar tiġi minn "un'azione ulteriore dovuta al fatto dell'operatore". Fl-opera tiegħu "L-Oltraggio al Pubblico Pudore mediante Scritti, Disegni ed Oggetti", Catania, Campione, 1910, l-iskrittur Cocurullo jgħid dawn il-kliem prezzjużi: "*Chi si scusa col dire che egli dipinge il vizio e la dissoluzione, così come li trova nella natura e nella società, dimentica che, per gravi ragioni, la società esige che di alcune cose non si faccia ostentazione ...... Perchè dovrebbe l'arte alzare quei veli? Quale ragione avrebbe per sottrarsi alle regole comuni?*";

L-iskrittur Vicini, f'monografija "Oltraggio al Pudore", Digesto, XVII, 102, jgħid: "*L'arte non può mai giustificare l'oscenità*". U jkompli jinnitjeni li li "sconcezza" ma hijiex fin-"nudo artistico", imma fl-att ta' l-imputat. Fl-istess mod, diversi awturi oħra, bħal ma huma G. A. Rossi ("Oltraggio al Pudore per mezzo della Stampa", Cass. Un. XV, 672), A. Milone ("Corriere dei Tribunali", 1905, n. 33), Giovanni Ortolani ("Il Disegno di Legge per la Repressione della Pornografia e l'Incriminabilità dell'Arte Oscena", Riv. di Diritto Pubblico, 1912, p. 171-190), jgħallmu illi, biex jiġi distint xogħol artistiku minn xogħol pornografiku, wieħed għandu jħares lejn il-fini ta' l-imputat, jiġifieri jekk kellux fini artistiku jew fini bażat fuq l-impuls sesswali;

Dan kollu juri illi ma hux sewwa li tiġi proklamata il-massima "L'arte per l'arte" fis-sens ta' libertà sconfinata, u huwa invece f'loku dak li jgħid is-Santulli, fl-opera ċitata, pag. 216, cjoè: "E' concezione soverchiamente ardita dire che l'arte non possa essere immorale, e che non debba avere alcuna relazione con l'etica. Essa, invece, deve proporsi principalmente un fine etico e morale, se non vuole abbassarsi al

livello di adescamento per i più volgari e sconci istinti umani";

F'konferenza li għamel l-iskrittur belga Meyer fi Bruxelles, riportata fir-"Revue de Droit Penal et de Criminologie", 1926, p. 411— "Quelques aspects de la lutte contre l-immoralité" — huwa ħass in-neċessità li tiġi mrażżna l-pornografija, anki għax tinfluwixxi fuq l-awment ta' kriminożità;

Minn dan kollu jiġi li ma jistax jingħad, kif donnu tippretendi d-difiża, li għaliex l-istampi eżibiti huma, jew ħu allegat li huma, riproduzzjoni fotografika ta' kwadri f'mostra artistika, allura ma hemmx reat. Meta l-egħmil ta' min juri dawn l-istampi jkun tali li jeżorbita minn sempliċi manifestazzjoni onestament artistika, u jeskludi l-intenzjoni artistika, u juri pjuttost sens ta' stimolu għall-libidini u sfog ta' l-istinti animaleski, allura hemm ir-reat;

F'dan il-każ, l-imputat Catalogna, kif gie pruvat, fittmienja ta' bil-lejl, f'ħin meta t-tavolini tal-Kafè Premier fil-Pjazza tal-Belt Valletta kienu affollatissimi, kważi mejda ma' mejda, minħabba s-sħana ta' Settembru, kellu f'idejh dawn l-istampi, u kien qiegħed jarahom, waħda waħda, pubblikament u deliberatament, u mbagħad urihom lill-sħabu b'mod li seta' jarahom ħaddieħor mill-pubbliku li kien hemm, kif fil-fatt rahom ix-xhud Muscat, u kif aktarx rathom ixxbejba li semma' dan ix-xhud, u rathom ukoll mara oħra li rrikjamat l-attenzjoni ta' żewġha, li qalilha "dawn xi ħaġa li ġiebuha minn Pariġi, tagħtix każ". Kif tista' l-Qorti, apparti l-fatt li aktarx dawn l-istampi (kollha kemm huma ta' nisa "in puris naturalibus") huma minn dawk li jinġiebu klandestinament għal skopijiet ħżiena, tagħti lill-imputat Catalogna l-beneficċju tal-ħwejġa fede f'sens ta' interess puramente artistiku, meta huwa, minflok ma ra dawn l-istampi f'daru, jew f'post appartat, jekk deherlu sewwa li jagħmel hekk u li jieħu pjaċir bihom, bla ma jesponihom għall-vista ta' ħaddieħor, eżibihom bil-mod li fuq issemma, f'post affollat, viċin lejn in-nies, u mhux fugaċement jew bil-moħbi, iżda pubblikament, apertament, u deliberament?;

Il-Qorti hi għalhekk persważa li kien hemm f'dan il-każ ir-reat previst mil-liġi fid-dispożizzjoni fuq imsemmija, għal dak li jirrigwarda l-imputat Catalogna. Kwantu għall-imputat Cutajar, ma jirriżulta xejn kontra tiegħu;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell kwantu għall-imputat Cutajar, tirrevoka fil-konfront tiegħu s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux ħati, u tilliberah; iżda tiċħad l-appell kwantu għall-imputat Catalogna, u tikkonferma fil-konfront tiegħu s-sentenza appellata;

L-istampi jibqgħu konfiskati, u r-Reġistratur għandu immedjatament jieħu ħsieb li jinżammu suġġellati.